**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 t'April 2022**

**Rikors Numru 34/2021**

**Dr. Sandra Darmanin**

**Vs**

**Il-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Dr. Sandra Darmanin** ippreżentat fis-27 t'April 2021 li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:-

"

1. *Illi r-rikorrenti hi ċittadina Maltija li, minħabba raġunijiet personali ossia wara separazzjoni personali, iddeċidiet li tirritorna lura Malta wara għaxar (10) snin tgħix l-Awstralja;*

2. *Illi r-rikorrenti hi proprjetarja tal-vettura tal-marka Land Rover Discovery Sport, numru ta' reġistrazzjoni NBZ76W, u xtaqet li tali vettura tinġieb Malta mill-Awstralja;*

3. *Illi għal dan il-għan ir-rikorrenti kienet kitbet u talbet kjarifika lil Transport Malta dwar kif għandha tipproċedi f'dan ir-rigward u fil-fatt ingħatat tali informazzjoni mill-istess, senjatament li l-vettura trid tkun reġistrata f'isimha minn tal-inqas 24 xahar qabel ma tiġi impurtata f'Malta;*

4. *Illi għalhekk, a bażi tal-istess informazzjoni, r-rikorrenti applikat għall-eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vetturi ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-*

*Regolament 4 tar-Regoli Dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur fir-rigward tal-vettura proprjeta' tagħha tal-marka Land Rover Discovery Sport, numru ta' reġistrazzjoni NBZ76W;*

5. *Illi pero', b'ittra datata t-tmienja (8) t'April 2021, ir-rikorrenti ġiet infurmata li t-talba tagħha għall-esenzjoni mill-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vetturi ġiet miċħuda ai termini tar-Regolament 4(3)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 u ċioe li: "Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1), (a) hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta."*

6. *Illi r-rikorrenti tinsab ferm sorpriża b'dan ir-rifjut in kwantu hi mxiet mal-informazzjoni mogħtija mill-Awtoritajiet konċernanti u dan kif se jirriżulta waqt is-smiegħ tal-appell;*

7. *Illi fil-fatt, ir-rikorrent kienet u għada tissodisfa l-elementi meħtieġa ai termini tar-Regoli Dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur kif se jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża u għalhekk iċ-ċaħda tal-intimata hija inġusta, partikolarment in vista tan-natura ġenwina tal-każ odjern u tal-fatt li r-rikorrenti hi ċittadina Maltija li rritornat lura pajjiżha wara ċirkustanzi personali xejn faċli.*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess ir-rikorrenti, filwaqt li tirriserva d-dritt li tressaq dawk ix-xhieda u/jew provi kollha meħtieġa waqt it-trattazzjoni tal-appell, titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jannulla ċ-ċaħda tal-intimata maħruġa fit-tmienja (8) t'April 2021 u jilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-esenzjoni mill-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vetturi ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolament 4 tar-Regoli Dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur fir-rigward tal-vettura proprjeta' tagħha tal-marka Land Rover Discovery Sport, numru ta' reġistrazzjoni NBZ76W."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol** ippreżentata fis-7 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

*"Permezz tar-rikors tal-appell ippreżentat nhar is-27 ta' April 2021, l-appellanta qed tikkontesta d-deċiżjoni tal-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni (minn hawn il-quddiem imsejjaħ bħala l-'Bord') ippubblikata nhar it-8 ta' April 2021, li permezz tagħha ġiet rifjutata l-applikazzjoni tar-rikorrenti għall-eżenzjoni tal-ħlas mit-taxxa tar-reġistrazzjoni rigward il-vettura tat-tip 'Land Rover Discovery Sport' bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni Awstraljani numru NBZ76W;*

1. *Illi l-aggravji tal-appellanti huma infondanti kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan minn kif ser jiġi spjegat f'din l-umli risposta;*

2. *Illi l-kriterju tal-minimu ta' 24 xahar kif stabbilit taħt regolament* ***4(3)(a) tar-Regolamenti dwar L-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni tal-Vetturi bil-Mutur*** *(L.S. 368.01) irid jiġi kkalkulat mid-data li fiha l-applikant* *<u>jittrasferixxi d-data tar-residenza tiegħu għal Malta</u>* *u mhux mid-data ta' meta l-vettura tasal f'Malta, bħal kif qed tippretendi l-appellanti;*

3. *Illi minn kif jidher mill-ittra ta' rifjut li kopja tagħha qed tiġi annessa u mmarkata bħala '****Dokument MFE 1'****, ir-raġuni għalfejn l-applikazzjoni tal-appellanta ġiet miċħudha kienet għaliex l-appellanti naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti tassattiv stipulat taħt* ***paragrafu (a)*** *ta'* ***regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar L-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni tal-Vetturi bil-Mutur*** *(L.S. 368.01), li jipprovdi hekk: "****<u>Biex vettura tkun tista' tikkwalifika</u>*** *għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) – (a) hija* ***<u>trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu</u>*** *li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu* ***<u>għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta</u>*** *u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta" (emfasi miżjuda);*

4. *Illi minn kif jidher minn* ***'Dokument MFE2'*** *fl-applikazzjoni għall-eżenzjoni in mertu u fil-kaxxa intestata "****Date of taking up of residence in Malta****", l-appellanti ndikat id-data tat-****<u>28 ta' Diċembru 2020</u>****;*

5. *Illi sussegwentement u permezz ta' e-mail mibgħut lill-Kummissarju tat-Taxxi li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '****Dokument MFE3',*** *l-appellanti ddikjarat li* *<u>ttrasferiet</u>* *ir-residenza tagħha lejn Malta mill-Awstralja fl-istess xahar, ossia Diċembru tas-sena 2020. Illi mid-dokumenti annessi mal-applikazzjoni tal-appellanti jirriżulta wkoll li l-Karta tal-Identità Maltija tal-appellanti nħarġet fil-bidu ta' Frar 2021;*

6. *Illi skont* ***regolament 2*** *tal-L.S. 368.01: "****<u>trasferiment ta' residenza</u>****" tfisser it-****<u>trasferiment attwali tar-residenza ordinarja</u>*** *ta' persuna minn post barra minn Malta għal post f'Malta u d-data tat-trasferiment hija d-data meta jinħareġ id-Dokument ta' Residenza jew, fil-każ ta' applikanti Maltin, id-data li tiġi dikjarata mal-Kummissarju għat-Taxxi. Peress illi l-appellanti hija ċittadina Maltija, skont l-istess L.S. 368.01, l-appellanti ttrasferiet ir-residenza ordinarja tagħha lejn Malta* ***<u>f'Diċembru 2020</u>****;*

7. *Illi fuq l-applikazzjoni in mertu u propju fil-kaxxa "Date of registeration when vehicle was registered in the name of the applicant", l-appellanti niżżlet id-data tal-**<u>11 ta' Marzu 2019</u>**, u dan minn kif jista' jiġi kkonfermat minn '**Dokument MEF2'.** Għaldaqstant it-terminu tal-minimu ta' 24 xahar beda jiddekorri minn dakinhar tal-11 ta' Marzu 2019;*

8. *Tenut kont ta' dak kollu premess, fiż-żmien li fih l-appellanti trasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta, il-vettura mertu tal-applikazzjoni kien ilha rreġistrata f'isem l-appellanti għall-perjodu ta' 21 xahar u ċioè anqas mill-minimu rikjest minn Regolament 4(3)(a) tal-L.S. 368.01;*

9. *Illi mhux biss li dan il-Bord qal kemm il-darba li r-rekwiżiti fil-**paragrafi (a) sa (f) taħt regolament 4(3) tal-L.S. 368.01** huma **<u>kumulattivi</u>** u b'hekk jeħtieġ li llkoll jiġu sodisfatti kumulittivament, iżda talli wkoll li **f'paragrafu (a) ta' regolament 4(4) tal-L.S.368.01**, l-liġi stess tipprovdi li: "L-eżenzjoni taħt is-subregola (1) **<u>m'għandhiex tingħata</u>** meta -(a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3)". Illi b'hekk, ġialadarba l-Bord irriżultalu li kien hemm wieħed mir-rekwiżiti f'regolament 4(3) nieqes, il-Bord kien ikun qed jaġixxi ultra vires li kieku kellu jilqa' l-applikazzjoni tar-rikorrenti u japprova l-eżenzjoni;*

10. *Illi l-esponent appellat jikkontesta wkoll l-allegazzjoni li l-appellanti ngħatat xi informazzjoni skorretta. F'dan il-kuntest, l-esponent jirreferi għall-ewwel paġna tal-applikazzjoni għall-eżenzjoni in mertu li mliet u ffirmat l-appellanti (ara Dok MFE2) u propju fejn hemm miktub ċar li "Any person transferring his/her residence from a place outside Malta to a place in Malta is entitled, under the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368), to an exemption from Motor Vehicle Registration Tax on an M1 vehicle (a vehicle used for the carriage of not more than eight passengers in addition to the driver) or a cycle (motor cycles, motor tricycles and quadricycles) **which has been registered in the name of that person for a continuous period of <u>at least twenty-four months immediately before the date of his/her transfer of residence to Malta</u>** and is still so registered when the vehicle is imported or brought into Malta. That person should also have lived outside Malta for a continuous period of at least twenty-four months immediately before transferring his/her residence to Malta.". Paragrafu aktar l-isfel hemm ukoll miktub li: "**transfer of residence" means the <u>actual transfer of the normal residence</u> of a person from a place outside Malta to a place in Malta** with the date being the date of issue of the Residence Document or the date as declared with the Commissioner for Revenue in the case of Maltese applicants.". Illi għalhekk l-appellanti kellha għad-disponibiltà tagħha informazzjoni ċara, tajba u leali ma dak li jipprovdi t-test tal-liġi in mertu;*

11. *Illi għalhekk d-deċiżjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellanti hija waħda korretta u m'għandiex tiġi mħassra kif mitlub mill-appellanti;*

12. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jgħaddi biex jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad l-appell tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar 2022;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qiegħda titlob li dan it-Tribunal jirrevedi d-deċiżjoni notifikata lilha b'ittra datata 8 t'April 2021 mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") fi ħdan il-Ministeru intimat permezz ta' liema ġiet mgħarrfa bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms Subsidiary Legislation 268.01 under rule 4 (3) (a) which stipulates that "it shall have been registered in the name of the individual transferring his normal residence for a period of at least twenty-four months immediately before the date of his transfer of residence to Malta and is still so registered when the vehicle is imported or brought into Malta."*

Illi mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti fl-24 ta' Marzu 2021 u esebita a fol 14 *et sequitur* jirriżulta illi hija ddikjarat li hija ħadet ir-residenza tagħha f'Malta fit-28 ta' Diċembru 2020 u li l-vettura kienet mistennija li tasal f'Malta

fit-30 ta' April 2021. Jirriżulta wkoll illi ddikjarat li l-vettura ġiet reġistrata f'isimha fil-11 ta' Marzu 2019.

Illi l-Ministru intimat isostni li r-rikorrenti ma setgħetx tibbenifika mill-eżenzjoni peress li fid-data tat-trasferiment tagħha hawn Malta, liema data kif del resto ġiet dikjarata minnha stess fl-applikazzjoni sottomessa minnha, il-vettura in kwisjtoni ma kinitx ilha reġistrata fuq isimha għal erbgħa u għoxrin xahar jew iżjed.

Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ssostni li hija dejjem imxiet mal-istruzzjonijiet mogħtija mill-uffiċjali tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta. Hija pproduċiet email datata 6 t'April 2020 mingħand uffiċjal tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, u ċioe` Romina Carabott, li fost affarijiet oħra bagħtitilha formula tal-applikazzjoni għall-gwida tagħha u qaltilha wkoll illi "*It is important that the vehicle be registered in your name for at least 24 months before it is imported locally."* Din l-emejl kienet b'risposta għal emejl oħra li r-rikorrenti bagħtet lil Carabott fil-5 ta' April 2020 fejn fost affarijiet oħra staqsietha s-segwenti, u ċioe`:- *"Also, the car will be exactly 2 years when it arrives as i bought a new one after we spoke will this be ok? It will be March 2021."* Madanakollu Romina Carabott xehdet f'dawn il-proċeduri u pproduċiet sensiela ta' emejls skambjati mar-rikorrenti li jirrisalu sa mis-sena 2014. F'emejl tal-25 ta' Jannar 2016 Carabott bgħatet emejl lir-rikorrenti fejn infurmatha illi *"It is important that the imported vehicle be registered in your name for at least 24 months before transferring your residence to Malta, as this is one of the main requirements for the scheme."*[1]

**Ikkunsidra:**

Illi l-pern ta' dan l-appell idur mal-fatt dwar meta r-rikorrenti ħadet ir-residenza ordinarja tagħha hawn Malta. Illi filwaqt li fl-applikazzjoni tagħha hija niżżlet li ħadet ir-residenza fit-28 ta' Diċembru 2020, hija qalet li fil-fatt din kienet id-data meta waslet Malta mill-Ingilterra. Tispjega li f'dawk iż-żminijiet kienet għadha mhix ċerta hux se tibqa' hawn Malta jew le u kien biss lejn l-aħħar ta' Frar li probabbli ffurmat id-deċiżjoni tagħha li tibqa' hawn Malta. Ir-rikorrenti tispjega li fil-fatt sa

[1] Dokument RC2 a fol. 106

nofs Frar kienet għadha qed tapplika għal xogħlijiet barra minn Malta. Tispjega li eventwalment il-vettura waslet hawn Malta f'Mejju 2021. Mistoqsija in kontro-eżami jekk kinitx qrat l-istruzzjonijiet li hemm fl-ewwel paġna tal-formula ta' applikazzjoni r-rikorrenti wieġbet li probabbilment li le. Stqarret ukoll illi fi Frar 2021 hija tat struzzjonijiet lil Kumpanija tat-trasport biex iġġib l-affarijiet personali tagħha u l-vettura mill-Awstralja.

Illi t-Tribunal fela sew il-provi prodotti fil-mori ta' dan l-appell. Huwa evidenti li jekk għall-grazzja tal-argument ir-rikorrenti ma kinitx ħadet ir-residenza tagħha hawn Malta fid-data indikata minnha fuq l-applikazzjoni, u ċioe` t-28 ta' Diċembru 2020, sal-aħħar ta' Frar 2021 ċertament kienet iffurmat dik l-intenzjoni rikjesta sabiex tirrisjedi hawn Malta.

Illi skont it-tifsira mogħtija mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01, *"trasferiment ta' residenza" tfisser it-trasferiment attwali tar-residenza ordinarja ta' persuna minn post barra minn Malta għal post f'Malta u d-data tat-trasferiment hija d-data meta jinħareġ id-Dokument ta' Residenza jew, fil-każ ta' applikanti Maltin, id-data li tiġi dikjarata mal-Kummissarju għat-Taxxi."* It-Tribunal josserva illi din it-tifsira hija ċitata wkoll fil-linji gwida fuq l-ewwel paġna tal-applikazzjoni għall-eżenzjoni.

Illi Michael Zammit Munro, iċ-Ċermen tal-Bord, spjega illi meta ġew biex jipproċessaw l-applikazzjoni tar-rikorrenti huma ndunaw li d-data mniżżla minnha tat-trasferiment tar-residenza tagħha u d-data li hija indikat lill-Kummissarju għat-Taxxi kienet differenti. Fil-fatt f'emejl mibgħuta lill-Kummissarju għat-Taxxi, ir-rikorrenti kitbet hekk:- *"I have transferred my residency from Australia to Malta after arriving on the 8th December 2020."* Mentri fl-applikazzjoni sottomessa minnha hemm dikjarat li ttrasferiet ir-residenza tagħha fit-28 ta' Diċembru 2020.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi d-dikjarazzjoni kontenuta fl-emejl lill-Kummissarju tat-Taxxi ma tfissirx illi r-rikorrenti ttrasferiet ir-residenza tagħha fit-8 ta' Diċembru 2020. Fil-fatt, fil-fehma tat-Tribunal, ma hemm indikata l-ebda data ta' trasferiment.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi għalhekk il-Bord ma kellux sempliċement joqgħod la fuq id-data indikata mir-rikorrenti fl-applikazzjoni tagħha u lanqas fuq l-emejl mibgħuta lill-Kummissarju għat-Taxxi. Illi minn dak li jista' japprezza t-Tribunal fl-emejl mibgħuta mir-rikorrenti lill-Kumissarju għat-Taxxi fit-30 ta' Marzu 2021 hija nfurmatu li kienet ttrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta wara li waslet Malta fit-8 ta' Diċembru 2020. Fil-fehma tat-Tribunal din mhux prova inkonfutabbli li d-data tat-trasferiment tar-residenza kienet it-8 ta' Diċembru 2020.

Illi t-Tribunal iqis li quddiemu ma nġabux provi inkonfutabbli tad-data meta r-rikorrenti ddikjarat li ttrasferiet ir-residenza tagħha mal-Kummissarju għat-Taxxi. Ladarba l-liġi espressament torbot id-data tat-trasferiment tar-residenza mad-data dikjarata mal-Kummissarju għat-Taxxi, il-Bord kellu jirrikjedi li din id-data tiġi ċċarata b'mod inekwivoku. Fl-opinjoni tat-Tribunal, l-emejl mibgħuta lill-Kummissarju għat-Taxxi, ma tagħtix risposta ċara għall-kweżit ta' meta sar it-trasferiment. Id-diċitura tagħha hija ambigwa għall-aħħar għaliex tista' tifhimha li t-trasferiment sar fit-8 ta' Diċembru 2020, u allura meta r-rikorrenti, skont dak li xehdet, kienet għadha lanqas waslet hawn Malta, u tista' tifhimha wkoll li t-trasferiment sar f'xi data wara t-8 ta' Diċembru 2020.

Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord għandu jerġa' jipproċessa l-applikazzjoni tar-rikorrenti wara li tiġi verifikata eżattament id-data meta r-rikorrenti ddikjarat mal-Kummissarju għat-Taxxa li ttrasferiet ir-residenza tagħha għal Malta. Madanakollu kif ingħad iktar 'il fuq, it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrenti kienet iffurmat l-intenzjoni tagħha li tistabilixxi r-residenza tagħha hawn Malta ċertament sa Frar 2021.

Finalment, it-Tribunal jirrileva illi huwa m'għandux poter li jilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-eżenzjoni tat-taxxa kif mitlub fir-rikors promutur. Din id-deċiżjoni hija riservata esklussivament għall-awtorita` amministrattiva li hija fdata bid-diskrezzjoni li tipproċessa l-applikazzjonijiet għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi, billi jilqa' l-appell fit-termini hawn fuq enunċjati u konsegwentement iħassar u jannulla d-deċiżjoni appellata. Pero` mhux qiegħed jilqa' dik il-parti tat-talba fejn intalab li dan it-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti għal-eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vetturi.

In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**